MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 2073/1998/1

**Aluminium Limited.**

**vs**

**Attard Farm Supplies Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta’ Ottubru 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf hames mija u disghin Lira Maltin u sitt centezmi (LM1,590.06 = €3,703.84) rapprezentanti l-prezz ta’ xoghol ta’ *aluminium* minnha ordnat u lilha kkonsenjat u nstallat.

Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata kemm-il darba sabiex tersaq ghall-hlas hija baqghet dejjem inadempjenti.

Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici, s-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni x'taghti ghat-talba ghall-hlas;

Illi l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi, *in vista* tal-premess u tad-dikjarazzjoni guramentata annessa u mmarkata bhala Dok. "X", dispensat is-smigh tal-kawza a termini ta' l-artikolu 167 *et seq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12):-

(1) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u disghin Lira Maltin u sitt centezmi (LM1,590.06 = €3,703.84) rapprezentanti l-prezz ta' xoghol ta' *aluminium* minnha ordnat u lilha konsenjat u installat.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mis-26 ta' Awissu 1998 li hija d-data li gew terminati x-xoghlijiet, kontra s-socjeta` konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti ezebiti a fol. 5 tal-process;

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta a fol. 10 tal-process;

Rat id-digriet tad-9 ta' Novembru ta' l-1998;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 27 ta' Novembru, 1998 a fol. 14 tal-process permezz ta' liema eccepiet:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, peress illi l-ammont rikjest mhux dovut, u dan

*stante* illi l-materjal supplit u x-xoghol maghmul mis-socjeta` attrici ma kienx tal-kwalita` pattwita u lanqas ma kien idoneju ghall-uzu mehtieg mis-socjeta` eccipjenti, kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol. 14 u 15 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbali tat-3 ta’ Marzu, 1999 fejn gie nnominat il-Perit Tekniku Alfred Camenzuli, a spejjez provizorjament tas-socjeta’ attrici, sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz.

Rat il-verbali tal-15 ta’ Ottubru 1999, 24 ta’ Jannar 1999, 5 ta’ April 2000, 9 ta’ Gunju 2000, 21 ta’ Novembru 2000, 6 ta’ Frar, 2001, 4 ta’ April 2001, 17 ta’ Mejju 2001, 4 ta’ Ottubru, 2001, 6 ta’ Dicembru 2001, 17 ta’ Mejju, 2002, 5 ta’ Novembru 2002, 27 ta’ Mejju 2003, 3 ta’ Ottubru 2003, 21 ta’ Novembru 2003, 6 ta’ Frar 2004, 18 ta’ Marzu 2004, 25 ta’ Mejju 2004, 7 ta’ Ottubru, 2004, 3 ta’ Novembru 2004, 19 ta’ Novembru 2004 u tal-11 ta’ Jannar 2005 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat l-affidavit ta’ Joseph Attard, direttur tas-socjeta` konvenuta, a fol. 35 tal-process u d-Dok. “JA1” sa Dok. “JA10” annessi ma’ l-affidavit.

Rat l-affidavit ta’ Paulene Attard, direttrici tas-socjeta` konvenuta, a fol. 51 tal-process.

Rat il-verbali, xhieda u dokumenti migbura mill-Perit Tekniku Alfred Camenzuli a fol. 57 sa fol. 88 tal-process.

Rat il-verbal tal-5 ta’ April 2005 fejn gie revokat l-inkarigu tal-Perit Tekniku Alfred Camenzuli minn din il-Qorti

diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbal tat-23 ta’ Gunju 2005 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie nnominat il-Perit Godwin Abela bl-inkarigu li jezamina x-xoghol meritu tal-kawza (okkorrendo) u jiehu konjizzjoni ta’ l-atti kollha minghajr ma jisma’ xhieda ulterjuri *stante* li l-provi jinsabu kumpilati u jirrelata sas-seduta li jmiss.

Rat il-verbal ta’ l-24 ta’ Mejju 2006 fejn il-Perit Tekniku halef ir-rapport minnu pprezentat;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-Perit Godwin Abela datat 4 ta’ Jannar 2006 mahluf fl-24 ta’ Mejju 2006 kollox a fol. 115 *et sequitur* tal-process.

Rat l-eskussjoni mis-socjeta` attrici tal-Perit Tekniku permezz tad-domandi a fol. 134 u r-risposti inskritti tal-Perit Tekniku u konferma ta’ l-istess bil-gurament a fol. 133 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici a fol. 139 tal-process.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## <u>II KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi s-socjeta` attrici qed taghmel din il-kawza *stante* illi hija bieghet *aluminium* lis-socjeta` konvenuta illi gie kkonsenjat u nstallat mis-socjeta` attrici stess fl-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta izda li l-bilanc ta’ elf hames mija u disghin Lira Maltin u sitt centezmi (LM1,590.06 = €3,703.84), minkejja illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi, baqa’ ma thallasx. Illi s-socjeta’ konvenuta eccepiet illi l-ammont mhux dovut ghaliex il-materjal supplit u x-xoghol maghmul

ma kienx tal-kwalita’ pattwita u lanqas kien idoneju ghall-uzu mehtieg mis-socjeta’ eccipjenti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-direttur tas-socjeta` attrici, Jerome Licari xehed illi x-xoghol ta’ l-*aluminium* sar skond il-ftehim ezebit bhala Dok. “GL1” (fol. 73 tal-process) u li dan il-ftehim gie ffirmat minn Joseph Attard ghan-nom tas-socjeta` konvenuta. Xehed illi x-xoghol sar skond disinn provdut mis-socjeta` konvenuta illi sar mill-Perit Joseph Sapienza. L-ammont totali ghax-xoghol kollu kien dak ta’ hdax-il elf tliet mija u zewg Liri Maltin (LM11,302 = €26,326.58) u dan skond il-kont ezebit bhala Dok. “GL2” (fol. 76). Il-bilanc illi fadal jithallas lis-socjeta` attrici huwa dak ta’ elf hames mija u disghin Lira Maltin u sitt centezmi (LM1,590.06 = €3,703.84) kif jidher mill-i*statement* immarkat bhala Dok. “GL3” (fol. 77).

Illi l-istess Jerome Licari xehed illi ghax-xoghol li ghamlet is-socjeta` attrici, gie ffirmat *completion certificate* ezebit bhala Dok. “GL4” (fol. 78 tal-process). Jixhed illi meta kien jikkuntattja lil Joseph Attard, direttur tas-socjeta` konvenuta, u jistaqsih ghall-hlas, u l-unika raguni li kien jinghata mis-Sur Attard kienet illi ma kellux *‘cash available’*. Fir-rigward ta’ dawk id-drabi meta s-socjeta` attrici marret tapplika *sealer* fil-gonot tal-galleriji l-kbar, Jerome Licari xehed illi d-disinn tal-galleriji in kwistjoni kien jirrikkjedi manutenzjoni kull sena u dan minhabba tibdil fit-temperatura.

Illi d-direttur tas-socjeta` konvenuta, Joseph Attard, ikkonferma (fol. 63) illi d-disinn ta’ l-*aluminium* sar mill-Perit Joseph Sapienza. L-inkarigu kien ta’ *“design & build”*. Jixhed illi kien l-inkarigu tas-socjeta` attrici illi tassigura l-funzjonabbilta` tad-disinn. Fir-rigward tal-materjal supplit mis-socjeta` attrici, Joseph Attard jixhed illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni. Xehed illi l-materjal kollu u cioe` l-*aluminium*, hgieg u accessorji ohra saru kollha skond il-ftehim. L-ilment tas-socjeta` konvenuta huwa l-ilma illi kien jidhol mill-istrutturi ta’ l-*aluminium* wara kull xita u dan skond id-dokumenti ezebiti bhala Dok. “JA1” sa Dok. “JA9”. Xehed illi huwa rrapporta dan l-ilment u fil-fatt, nies tas-socjeta` attrici gew diversi drabi

jippruvaw jirrimedjaw il-problema billi japplikaw *s-sealer*. Sostna illi, xorta wahda, ftit wara illi kien jigi applikat *is-sealer*, kien jerga' jitfacca d-difett u cioe` jidhol l-ilma. Izid illi s-socjeta` attrici kienet avzathom illi huma kellhom perjodikament japplikaw is-*sealer* sabiex l-ilma ma jidholx. Huwa kkonferma illi qatt ma hallas il-bilanc mitlub mis-socjeta` attrici peress illi d-difett qatt ma gie rizolt. Fl-affidavit tieghu a fol 38, Joseph Attard isostni illi ma huwiex minnu illi meta mitlub ihallas huwa kien jghid illi ma huwiex ihallas ghax ma ghandux *"liquid cash available"*. Izid jghid ukoll a fol. 66 tal-process illi l-ftehim illi kien hemm bejn il-kontendenti kien jistipula illi ghaxra fil-mija (10%) tal-prezz miftiehem kien *retention money*.

Illi s-socjeta` konvenuta pprezentat rapport tal-Perit Amadeo Mifsud (Dok. "JA10") fejn gie kkonstatat illi l-istrutturi tal-galleriji huma difettuzi in kwantu l-materjal elastiku illi jintuza sabiex jimla l-ispazju bejn il-hgieg u l-*aluminium* ma sarx kif suppost u ghalhekk irrizultat il-problema ta' l-ilma.

Illi xehdet ukoll Paulene Attard, ukoll direttrici tas-socjeta` konvenuta, b'mod partikolari b'referenza ghall-Dok. "GL4", il-*completion certificate* li gie ezebit mis-socjeta` attrici. Issostni illi n-nota illi ghaddewlha l-haddiema tas-socjeta` attrici li hija ffirmat, hija ffirmatha peress illi x-xoghol li ghamlu dak il-hin il-haddiema, sa dak il-hin, kien jidher sodisfacenti. Izzid tghid illi dak iz-zmien illi hija ffirmat hija lanqas biss kienet direttrici tas-socjeta` konvenuta izda ta' *sister company* taghha u skond il-*Memorandum and Articles* tas-socjeta` konvenuta kellu jkun Joseph Attard illi jorbot il-kumpanija.

Illi l-Perit Tekniku Godwin Abela A & CE mqabbad minn din il-Qorti b'rapport tieghu pprezentat fl-24 ta' Mejju 2006 kkonstata illi jezisti difett fl-istrutturi tal-galleriji illi huwa wiehed ta' natura permanenti u huwa dan id-difett illi qieghed jikkawza d-dhul ta' ilma. Isostni illi dan id-difett ma jezistix fix-xoghol kollu kkonsenjat mis-socjeta` attrici izda fil-galleriji biss u jirrizulta mill-eskusssjoni tieghu li tali difetti jirrizultaw mhux mill-materjal provdut mis-socjeta' attrici u lanqas mill-mod kif sar ix-xoghol, izda ghaliex

jirrizulta li d-disinn maghmul mill-Perit Joseph Sapienza ghan-nom tas-socjeta' konvenuta kien wiehed difettuz, tant li l-istess perit tekniku fid-domandi tieghu in eskussjoni sostna li l-alterazzjonijiet li hemm bzonn ghandhom jigu rimedjati mill-Perit Sapienza (fol. 133).

Illi fil-fatt il-kaz in dizamina jikkoncerna ftehim bejn il-kontendenti permezz ta' liema s-socjeta` attrici kellha tezegwixxi xoghol ta' *aluminium*. Is-socjeta` attrici kellha ukoll tforni l-materjal hi u fil-fatt il-partijiet ftehmu x'tip ta' materjal kellu jintuza' ghax-xoghol in kwistjoni. Kienet tezisti rabta kontrattwali bejn il-kontendenti ghall-xoghol illi kellu jitwettaq lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici. Issir referenza ghall-**artikolu 1633** *et seq*. tal-Kodici Civili, b'mod partikolari ghall-artikolu 1633 innifsu li jipprovdi illi:-

*"Meta wiehed jigi mqabbad ghal xi xoghol, jista' jigi miftiehem li hu ghandu jaghti biss xoghol jew is-sengha tieghu, inkella li jaghti wkoll il-materjal."*

Illi dan l-artikolu jistipula bic-car illi f'kuntratt ta' appalt, l-appaltatur ma huwiex prekluz milli jforni l-materjal li bih ikun ser iwettaq ix-xoghol. Qed issir din il-precizazzjoni peress illi n-natura tal-ftehim bejn il-partijiet jidditermina r-rimedju illi jkollhom kontra xulxin u ghalhekk qabel ma din il-Qorti tipprosegwi fil-kunsiderazzjonijiet taghha, thoss illi dan il-punt jimmerita illi jigi ccarat. Fil-fatt, il-Qrati kellhom l-opportunita` f'diversi okkazjonijiet jippronuncjaw ruhhom fuq dan il-punt. Issir referenza b'mod partikolari ghas-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Marcel Pace Asciaq noe vs Joseph u Salome Camilleri**" (P.A. – 28 ta' Jannar 2004) fejn il-Qorti dahlet fil-kwistjoni bejn kompravendita u *locazione d'opera*. Il-Qorti wara illi ezaminat id-diversi kriterji illi jigu adoperati sabiex jigu distinti dawn iz-zewg tipi ta' ftehim, kienet tal-fehma illi l-ahjar kriterju huwa dak fejn wiehed ihares lejn l-intenzjoni tal-partijiet. Hi ccitat sentenzi lokali fosthom **"Neg. George E. Camilleri vs Joseph Mamo nomine**" (K. – 28 ta' Awissu 1954), **"George Vassallo vs Lawrence Fenech et nomine"** (A.K. – 26 ta' April 1988) u **"John Debono vs Anthony Fenech nomine et"** (A. K. 15 ta' Jannar 1992) li adottaw dan il-kriterju u cioe` il-volonta` tal-partijiet. Fil-kaz odjern

il-Qorti hija tal-fehma illi l-volonta` tal-partijiet kienet wahda ta' kiri ta' xoghol, xoghol ta' *aluminium*, li kien jinkludi l-fornitura tal-materjal. Dan huwa evidenzjat mill-ftehim iffirmat bejn il-partijiet ezebit bhala Dok. “GL1” li jirregola x-xoghol ta' *aluminium* illi kellu jigi ezegwit mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici.

Illi wara li giet iccarata n-natura kontrattwali tal-ftehim in kwistjoni, din il-Qorti tipprocedi billi tezamina l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha tilmenta kemm fuq il-materjal provdut kif ukoll fuq ix-xoghol ezegwit. Minkejja dan, mill-provi migjuba jirrizulta illi l-materjal fornut kien dak miftiehem skond il-ftehim u jirrizulta li x-xoghol sar skond id-disinn provdut mill-Perit Tekniku Joseph Sapienza ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda peress li lanqas giet ippruvata **“Anthony Mizzi vs Mario Giacchino”** (A.C. 31 ta' Jannar 1995). Anzi mill-provi prodotti jirrizulta li l-materjal provdut u x-xoghol fornit sar kif pattwit bejn il-partijiet.

Illi fil-fatt jirrizulta mir-rapport tal-perit tekniku Godwin Abela li d-difett li kien hemm fl-istess galleriji kien minhabba d-disinn tal-istess u dan johrog car mir-risposti tal-istess perit tekniku fl-eskussjoni tieghu fejn bhala rimedju ghall-istess difetti issuggerixxa li l-istess *“Perit Sapienza ghandu jigi miltub jaghmel l-alterazzjonijiet necessarji biex jigu rimedjati dawk id-dettalji li fl-opinjoni ta' l-esponent jipprezentaw l-problemi attwali”.*

Illi huwa ghalhekk korrett li s-socjeta` attrici ssollevat il-punt rigward id-disinn ta' l-istrutturi. Huwa pacifiku, fil-fatt, bejn il-partijiet illi s-socjeta` attrici hadmet fuq disinn maghmul mill-Perit Sapienza li gie kkummissjonat mis-socjeta` konvenuta. F'dan is-sens, is-socjeta` attrici tittenta tezimi ruhha mir-responsabbilta` ghad-difetti illi rrizultaw fl-istrutturi minhabba l-fatt illi hija wettqet ix-xoghol fuq disinn provdut lilha mill-perit tas-socjeta` konvenuta u fil-fatt l-inkarigu taghha kien li hija tesegwixxi l-istess disinn, li r-responsabblta' tieghu giet assunta mis-socjeta' konvenuta *tramite* l-perit taghha, u jidher li d-difett

kien kollu kemm huwa fid-disinn, tant li l-espert tekniku nkarigat mill-Qorti, ssuggerixxa li kellu jsir tibdil fl-istess disinn mill-Perit Joseph Sapienza.

Illi min-naha l-ohra fir-rigward tal-*completion certificate* illi gie ffirmat minn Paulene Attard, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Brownrigg noe vs Mario Spiteri"** (27 ta' Gunju 2003) fejn il-Qorti rriteniet illi:-

*"Skond ir-regoli generali ta' l-inadempiment l-appaltatur ma huwiex mehlus mir-responsabbilta` avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghall-finijiet tal-hlas izda b'daqshekk ma jigix ezonerat mir-responsabbilta` jekk nonostante kontroll diligent fil-mument tal-verifika 'l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew."*

Illi fuq dan il-punt din il-Qorti tabbraccja dan il-hsieb pjenament u hija tal-fehma illi s-semplici fatt illi Paulene Attard approvat ix-xoghol, dan ma jezonerax lis-socjeta` attrici mill-obbligi taghha *ai termini* tal-ftehim.

Illi ghalhekk, *in vista* ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti thoss li ma tistax taccetta s-suggeriment tal-perit tekniku fl-eskussjoni tieghu, u thoss li gie ppruvat li s-socjeta' attrici pprovdiet materjal tajjeb u ghamlet ix-xoghol skond kif diretta taghmlu mis-socjeta' konvenuta *tramite* id-disinn provdut mill-Perit Joseph Sapienza, u jirrizulta li d-difett fl-istruttura ma kienx dovut ghal xi xoghol hazin esegwit mis-socjeta' attrici, izda ghad-disinn fornit mis-socjeta' konvenuta.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fl-intier taghhom.

## III KONKLUZJONIJIET

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tliet elef seba' mija u tliet Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€3703.84) ekwivalenti ghal elf hames mija u disghin Lira Maltija u sitt centezmi (LM1,590.06) rapprezentanti l-prezz ta' xoghol ta' *aluminium* minnha ordnat u lilha konsenjat u nstallat.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mis-26 ta' Awissu 1998 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------